MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 2315/2004

**Middle Sea Insurance p.l.c. (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet ta` Ian Grech (ID 342470 M) u l-istess Ian Grech**

**Vs**

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550) bhala s-socjeta` assikuratrici ta` Charles Aquilina (ID 361469 M) b'polza fuq vettura (CTY 076)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Dicembru, 2004, fejn intalab li l-s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallashom is-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin lira maltija u disgha u erbghin centezmu, llum ekwivalenti ghal Euro 602.12c, rapprezentanti valur ta` danni kawzati f'incident awtomobilistiku li sehh fil-post u data ndikati meta l-assikurat tas-socjeta` konvenuta kien qed isuq vettura CTY 076 u habat ma` vettura IJG 870,

assikurata mas-socjeta` attrici ghal liema ncident jahti unikament Charles Aquilina assikurat mas-socjeta` konvenuta, liema socjeta` hija direttament azzjonabbli ai termini ta` l-artikolu 9 A (i) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 27 ta` Awissu, 2004 (Dok A).

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 21 ta` Jannar, 2005 fejn ikkontestat it-talbiet attrici fosthom (1) li s-socjeta` konvenuta ma hiex il-legittimu kontradittur stante li l-Artikolu 9A tal-Kap. 104 ma japplikax ghal kaz in ezami u dan in kwantu li (i) l-incident in kwistjoni sehh qabel id-data li fiha dan l-artikolu dahal fis-sehh (ii) l-azzjoni diretta msemmija f'dan l-artikolu tispetta biss lill-parti offiza u mhux lis-socjeta` assikuratrici tieghu (2) li l-assikurat taghha ma jahtix ghall-incident in kwistjoni (3) li d-danni mitluba huma ezagerati (4) li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt (5) b'riserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ohra.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulent legali tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami, dan it-Tribunal kellu jistrieh fuq kopji ta` l-avviz u risposta peress illi l-process originali kien intilef u kellu jerga` jigi rikostruwit.

Illi l-kontestazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta huma mqassma fuq tliet binarji cioe` (1) fuq dik ta` natura legali u preliminari fis-sens li hija ma kinietx il-legittimu kontraditur u dwar il-meritu (2) fuq nuqqas ta` responsabbilita` u (3) fuq il-kwantum tad-danni reklamati.

Illi dwar il-punt legali ssollevat mis-socjeta` konvenuta fir-risposta taghha u li gie anke ndikat mill-istess socjeta`

attrici, dan jikkoncerna bazikament l-interpretazzjoni ta` l-artikolu 9 A (1) tal-Kap. 104.

Illi dan l-artikolu jistipula li l-parti offiza (cioe` l-assikurat ta` l-attur li huwa attur ukoll) li jkun residenti f'Malta u li jkollu jedd ghal kumpens dwar kull telf li jirrizulta minn accident kagunat bl-uzu ta` vettura li tkun assikurata minn assikuratur awtorizzat u normalment ibbazat f'Malta, jkollu l-jedd dirett ghal azzjoni kontra l-assikuratur awtorizzat f'Malta jekk l-accident ikun gara f'Malta.

Illi ma hemmx dubbju li l-incident in kwistjoni sehh hawn Malta u li l-parti offiza hija residenti hawn Malta u kif ukoll li l-vettura tal-konvenut hija assikurata minn assikuratur awtorizzat u normalment ibbazat f'Malta. Illi ghalhekk jidher li l-elementi kollha rikjesti minn dan l-artikolu jinsabu soddisfatti. Barra minhekk jigi notat li ghalkemm l-incident sehh qabel ma kien dahal fis-sehh dan l-artikolu pero` l-azzjoni nfisha tentata mis-socjeta` attrici giet intavolata fis-sena 2004 u kwindi meta dan l-artikolu kien *in vigore*. Jigi osservat ukoll li dan l-artikolu jitkellem fuq dritt ta` azzjoni fiz-zmien u ma saret ebda riserva dwar iz-zmien ta` l-incidenti nfishom. Illi fit-tieni lok jinghad li legalment is-socjeta` assikuratrici tigi surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha u ghalhekk hija tigi *ipso jure* li ghanda twiegeb ghall-istess assikurat taghha fit-termini tal-polza in kwistjoni bhal li kieku kien l-istess assikurat *de proprio* li qieghed jirrispondi. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta ma tidhirx gustifikata. Dan l-argument jidher li jinsab konfortat minn sentenza ohra ta` dan it-Tribunal li ghaddiet in gudikata fl-ismijiet Middle Sea Insurance vs Citadel Insurance (Avv nru 2314/04) deciza fit-13 ta` Lulju, 2007.

Illi dwar il-meritu u l-konsistenza ta` l-incident innifsu, t-Tribunal jinsab affaccjat b'zewg verzjonijiet u kif ukoll mill-*bumper to bumper form* relattiva.

L-attur ighid li huwa kien miexi bil-mod fit-traffiku diehel lejn Paceville mir-Regional Road u kien qed joqrob il-pjazza fejn hemm l-istabbiliment tal-Burger King. Skond l-attur l-incident sehh proprju f'nofs din il-pjazza. Huwa

jafferma li l-vettura l-ohra nvoluta kienet parkeggjata u hekk kif huwa kien qed joqrob lejn il-Burger King, din irriversjat u laqtitu fuq il-mudguard ta` quddiem tal-lemin filwaqt li l-vettura li habtet go fih kellha l-hsara fuq in-naha ta` wara tax-xellug. Jistqarr li huwa ma rax lill-vettura l-ohra qabel il-habta anzi l-ewwel hass id-daqqa u mbaghad ra.

Charles Aquilina s-sewwieq tal-vettura l-ohra xehed li huwa minnu li kien jinsab parkeggjat fejn il-Burger King. Il-faccata taghha thares lejn dan l-istabbiliment u n-naha ta` wara fid-direzzjoni tal-Plush cioe` bil-maqlub kif impingija fuq l-iskizz maghmula mill-attur. Huwa jafferma li l-vettura tieghu kienet wieqfa bil-magna mixghula qed tistenna li tipparkeggja xi zewg metri aktar ‘l isfel. Meta hareg mill-vettura wara l-impatt, l-attur mall-ewwel beda jallega li kien Aquilina li kien irriversja go fih. Jikkonferma pero` li l-hsara ta` l-attur kienet fuq il-mudguard ta` quddiem fuq in-naha tal-lemin filwaqt li hu ma kellux hsara. Jammetti wkoll li l-posizzjoni tal-vettura tieghu setghet kienet tali li kienet qed timblokka l-karreggjata ta` l-attur.

Fl-opinjoni tat-Tribunal il-verzjoni moghtija minn Aquilina ma hiex kredibbli ghas-semplici raguni illi f’kaz li huwa tassew kien qed ihares lejn il-Burger King bin-naha ta` wara thares lejn il-Plush u kien l-attur li dahal go fih l-impatt mat-taxi kien isir man-naha ta` wara tal-lemin tieghu u mhux minn naha tax-xellug. Aquilina jammetti li kien hu li ta` l-informazzjoni ghal mili tal-formola u jidher li ma kkontestax il-veracita` ta` l-istess formola nkluz l-istess skizz u wisq anqas il-kaxxa numru sebgha tal-parti 13 tant li anke giet iffirmata minnu. Illi ghalhekk il-punt ta` l-impatt fuq iz-zewg vetturi, l-iskizz imnizzel fuq il-formola u l-indikazzjoni ta` kaxxa numru sebgha tal-parti tlettax aktar jaghtu kredibbilita` ghal verzjoni ta` l-attur milli dik ta` Aquilina u dana apparti l-fatt li l-istess Aquilina ma tantx deher konvincenti ghat-Tribunal bil-mod kif huwa rrakkonta l-manuvra tieghu li waslet ghall-impatt.

Illi dwar il-kwantum tad-danni ghandu jirrizulta ppruvat mid-dokumenti ezebiti li dawn jeccedu l-ammont mitlub

pero` dan it-Tribunal jista` biss jasal sa c-cifra vantata f'dawn il-proceduri u xejn aktar.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonjiet kollha sollevati mis-socjeta` konvenuta kwindi jilqa` t-talbiet ta` l-atturi, jiddikjara li Charles Aquilina kien unikament responsabbli ta` l-incident in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta assikuratrici tieghu sabiex thallas lill-atturi l-ammont minnhom mitlub fis-somma ta` Euro 602.12c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------